

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

**2006/2059(INI)**

15.9.2006

## **OPINJONI**

tal- Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

dwar Bijoteknoloġija: prospetti u sfidi għall-agrikoltura fl-Ewropa  
(2006/2059(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Enrique Barón Crespo

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, jitlob lill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. jikkunsidra li l-organiżmi ġenetikament modifikati jistgħu jirrappreżentaw element importanti fl-agrikoltura plurifunzjonali Ewropea;
2. jinnota li s-suq globali ta' l-organiżmi ġenetikament modifikati qed ikompli jikber u jaħseb li dan għandu jkun settur ta' tkabbir importanti għall-Ewropa;
3. jikkunsidra li, fl-aħħar mill-aħħar, il-kompetittività ta' l-agrikoltura Ewropea tiddependi sinifikament fuq l-iżvilupp ta' l-industrija tal-Bijoteknoloġija u l-effetti tas-suċċessi tagħha fuq l-ekonomija;
4. jemmen li organiżmi ġenetikament modifikati jistgħu jgħinu fis-sejba ta' soluzzjoni għal diversi mill-akbar sfidi u problemi ta' żmienna e.ż. il-provvista ta' l-ikel u l-enerġija; il-kummerċ f'dawn il-prodotti għalhekk huwa strument importanti sabiex jiġi garantit li pajjiżi u persuni madwar id-dinja jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-potenzjal tagħhom; dan japplikax l-aktar għall-pajjiżi fqar li għalihom uċuħ tar-rabà ġenetikament modifikati jistgħu jkunu strument ta' żvilupp importanti.
5. jesprimi dispjaċir li bħala konsegwenza tal-politka restrittiva u tal-metodu regolatorju applikati mill-Kummissjoni u minn xi Stati Membri, is-settur Ewropew tal-bijoteknoloġija jinsab f'riskju li jibqà lura;
6. jenfasizza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri m'għandhomx jadottaw jew japplikaw regoli anqas stretti dwar prodotti tal-bijoteknoloġija importati minn daww applikati fuq prodotti simili magħmula fl-UE;
7. jirrikonoxxi li l-bijoteknoloġiji b'mod ġenerali, u l-prodotti tar-rabà ĠM b'mod partikolari, qed jaqdbu b'rata mgħaġġla u dejjem tiżdied, fil-biedja madwar id-dinja u b'mod speċjali f'pajjiżi li huma sħab kummerċjali importanti ta' l-UE fil-qasam ta' prodotti agrikoli; jinnota, li fl-2005, madwar disà miljun bidwi fil-Brażil, fl-Indja, fiċ-Ċina, fl-Afrika ta' Isfel, fil-Kanada, fl-Istati Uniti, u f'numru li qed jiżdied ta' pajjiżi żviluppati u li qed jiżviluppaw ikkultivaw madwar 90 miljun ettaru ta' prodotti ġenetikament modifikati li huwa l-ekwivalenti taż-żona ta' l-art ikkultivata fl-Unjoni Ewropea;
8. huwa konvint li, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni eżistenti li tkopri l-approvazzjonijiet għal bijoteknoloġija u l-użu tagħha fl-agrikoltura fl-Ewropa u f'pajjiżi terzi, fil-futur ser ikun hemm hteġa ta' skambji aktar mill-qrib ta' informazzjoni u koperazzjoni sabiex jitħares il-kummerċ bla xkiel mingħajr preġudizzju għall-ambjent u s-saħħa pubblika;
9. jagħraf li l-Protokoll ta' Kartaġena dwar is-Bijosikurezza tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika, li huwa bbażat fuq il-prinċipju prekawzjonarju, jikkostitwixxi forum importanti sabiex jindirizza l-implikazzjonijiet tal-

moviment transkonfinali ta' l-OĠM; li huma applikazzjoni waħda biss tal-bijoteknoloġija; madanakollu ma jemminx li l-prinċipju prekawzjonarju jista jiġi użat sabiex jostakola l-innovazzjoni xjentifika kollha inkluż il-qasam ta' l-inġinerija ġenetika u jqis li r-regoli li jirregolaw il-kummerċ ta' l-organiżmi ġenetikament modifikati għandhom jiġu stipulati fil-qafas tad-WTO; barra minn hekk, il-pajjiżi membri tal-WTO għandhom ikunu konformi mar-regoli li jiġu stipulati fiha; jikkunsidra wkoll li hemm bżonn li jinstab bilanċ aħjar bejn is-sistema tad-WTO u l-MEAs;

10. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżommu l-leġiżlazzjoni Komunitarja u nazzjonali konformi mar-regoli u l-obbligi tad-WTO;
11. jenfasizza li l-bijoteknoloġija, u b'mod partikolari l-OĠM, għandhom importanza li qed tikber f'tilwimiet kummerċjali internazzjonali; fid-dawl tal-prattika tal-Korp għas-soluzzjoni ta' tilwim tad-WTO, dawn it-tilwimiet huma deċiżi biss skond il-konformità tagħhom mar-regoli tad-WTO, li sa fejn huwa kkonċernat il-kummerċ, jirbaħ fuq kull strument ieħor tal-liġi internazzjonali;
12. jieħu nota tad-deċiżjoni preliminari tad-WTO dwar il-proċess ta' approvazzjoni ta' l-OĠM ta' l-UE;
13. jikkunsidra li huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw id-deċiżjoni finali tad-WTO u l-konklużjonijiet tagħha b'mod xieraq;
14. jikkunsidra, madankollu, li meta jitqies ir-rapport proviżorju tal-Panel tad-WTO u tar-rapport riċenti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali dwar il-koeżistenza ta' prodotti tar-raba` ġenetikament modifikati u ta' biedja konvenzjonali u organika, projbizzjoni totali fuq prodotti tar-raba` OĠM mhix għażla vijabbli; jikkunsidra li l-proċessi dwar l-approvazzjoni li fuqhom kien hemm qbil komuni u/ jew sistemi ta' rikonossiment reċiproki jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju internazzjonali ta' prodotti derivati mill-bijoteknoloġija, sakemm li sistemi bħal dawn jilhqqu livell għoli ta' ħarsien ta' l-ambjent u tal-konsumatur u ma' jippreġudikawx r-rekwiżiti speċifiċi bħall-ittikettar u t-traċċabilità kif previst mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità;
15. jemmen li fl-UE l-koeżistenza bejn l-agrikoltura konvenzjonali, biedja organika u agrikoltura li tuża organiżmi ġenetikament modifikati għandha tiġi organizza; jikkunsidra li jenħtieġu regoli ċari u trasparenti bbażati fuq evidenza xjentifika solida; jenfasizza li, sabiex jiġu evitati aktar proċeduri tal-WTO għas-soluzzjoni tat-tilwim kontra l-Komunità, ir-regoli ta' koeżistenza m' għandhomx jirriżultaw f'moratorju de facto fir-rigward tal-prodotti tar-raba` b'OĠM;
16. jenfasizza li hemm il-ħtieġa ta' regoli komuni ta' ttikettar u ta' informazzjoni aħjar lill-konsumatur b'konformità mar-regoli tal-WTO;
17. jikkunsidra li billi tippromwovi l-użu ta' prodotti agrikoli li mhumiex għall-ikel (bħall-materja prima fil-farmaċewtika u f'industriji oħra), il-bijoteknoloġija toffri opportunitajiet addizzjonali għall-bdiewa, u tgħin lis-settur agrikolu Ewropew sabiex ikun konformi ma' l-obbligazzjonijiet tad-WTO;
18. jiddispijaċih għall-fatt li l-Ewropa waqgħat lura fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli ĠM;

jitlob, għalhekk, sabiex tingħata prijorità ogħla lill-appoġġ għar-riċerka adegwata u l-kontroll demokratiku tar-riżorsi ġenetiċi; jitlob lill-Istati Membri sabiex jagħmlu traspożizzjoni mgħaġġla tad-direttivi kollha f'dan il-qasam;

19. jemmen li l-użu ta' żrieragħ ġenetikament modifikati għamilha possibbli f'ħafna partijiet tad-dinja biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi u l-erbċidi, li huwa fl-interess tal-ħarsien ta' l-ambjent u l-bijodiversità; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex tieħu rwol aktar attiv f'diskussjonijiet internazzjonali dwar l-użu prattiku tal-bijoteknoloġija fil-biedja u fil-produzzjoni ta' l-ikel, u fejn meħtieġ tnedi dawn id-diskussjonijiet, inkluż azzjonijiet kontra bijopiraterija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
20. jilqa' b'sodisfazzjoni il-impenn ta' l-UE għal politika Ewropea ta' riċerka ambizzjuża fil-qasam taż-żrieragħ tal-pjanti u, b'mod aktar ġenerali, fil-bijoteknoloġija, li r-riżultat tagħha jkollu parti fundamentali mhux biss fit-tnaqqis tat-tniġġis agrikolu iżda wkoll fis-sodisfazzjoni tal-bżonnijiet ta' l-ikel fid-dinja li qed jikbru b'mod kostanti; u jikkunsidra dan l-impenn bħala kundizzjoni bil-quddiem sabiex jintlaħaq l-għan tagħha li ssir l-aktar bijoekonomja avvanzata f'dan il-qasam ta' applikazzjoni partikolari;
21. huwa ta' l-opinjoni li l-impatt tal-bijoteknoloġija fuq l-ekonomija tal-produzzjoni u tal-kummerċ ta' prodotti agrikoli għandu jiġi evalwat b'mod wiesà, inkluż l-effetti possibbli fuq il-produzzjoni ta' l-ikel agrikolu li mhux bijoteknoloġiku, l-impatt possibbli tal-bijoteknoloġija fuq l-ekonomija tal-produzzjoni eżistenti u futura ta' prodotti mhux ta' l-ikel bħall-bijomassa u l-bijofuels, ippakkjar bijodegradabbli, prodotti mediċinali, eċċ; jappoġġja politika ta' riċerka Ewropea ambizzjuża fil-qasam tal-bijofjuwils u, b'mod aktar ġenerali, ta' l-użu tal-bijomassa, li hija ta' importanza ewlenija fil-kuntest preżenti ta' l-enerġija, u tippermetti lill-UE sabiex issaħħaħ l-esportazzjoni tagħha sabiex ittejjeb il-bilanċ fil-kummerċ ta' l-UE;
22. huwa konxju ta' l-eżistenza kif ukoll ta' l-impatt potenzjali tal-bijoteknoloġija fuq il-kompetittività fit-tkabbir tal-pjanti, il-biedja u l-produzzjoni ta' l-ikel, partikolarment meta wieħed iqis ir-rati differenti ħafna ta' l-użu tat-teknoloġija fl-Ewropa, b'paragun mal-kompetituri prinċipali tagħha fis-swieq agrikoli internazzjonali, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti importanza speċifika lil dawn l-impatti fl-istudji relatati li ġejjin, sabiex tgħarraf b'mod estensiv lill-Parlament Ewropew dwarhom u sabiex tressaq 'il quddiem proposti leġiżlattivi speċifiċi jekk u fejn meħtieġ;
23. huwa konvint li Selezzjoni Assisstita Mmarkata (MAS), li tippermetti t-titjib fil-prodotti tar-raba' permezz ta' "smart breeding", i.e. l-inkroċjar bejn pjanti ta' l-istess familji aktar milli l-modifikazzjoni ġenetika tagħhom permezz ta' l-integrazzjoni ta' ġeni barranin, għandha ttiprovdi kontribuzzjoni ewlenija għall-iżvilupp ta' bijomassa li tkun intesiva fl-enerġija u fl-istess ħin ambjentalment sikura;
24. jitlob lill-Kummissjoni sabiex taħseb għal sistema ta' evalwazzjoni li taċċerta fuq bażi xjentifika l-vantaġġi u r-riskji marbuta ma' l-użu tal-bijoteknoloġiji kemm għas-saħħa umana kif ukoll għas-saħħa ta' l-annimali u l-impatt ta' l-użu tagħhom fuq l-ambjent;
25. jappoġġja d-dritt tal-konsumaturi li jkunu infurmati u jagħżlu bejn prodotti konvenzjonali u prodotti trasġenetiċi;

26. jenfasizza l-importanza tal-bijoteknoloġija għal futur ta' l-agrikoltura sostenibbli, pereżempju fl-iżvilupp tal-bijoenerġija, sostituti ta' prodotti taż-żejt bħal plastik, u metodi sostenibbli ġodda għat-tkabbir tal-prodotti tar-rabà; għalhekk jenfasizza li aktar fondi għall-agrikoltura għandhom ikunu allokatati mill-CAP għall-qasam tal-bijoteknoloġija, inklużi fondi għall-edukazzjoni tal-bdiewa dwar il-possibilitajiet tal-bijoteknoloġija fi ħdan il-qafas ta' l-agrikoltura sostenibbli;

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Bijoteknoloġija: prospetti u sfidi għall-agrikoltura fl-Ewropa	
<b>Numru tal-proċedura</b>	2006/2059(INI)	
<b>Kumitat responsabbli</b>	AGRI	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 16.3.2006	
<b>Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	NO	
<b>Rapporteur</b> Data tal-ħatra	Enrique Barón Crespo 12.09.2006	
<b>Rapporteur ta' qabel</b>	Jonas Sjöstedt 22.2.2006	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	3.5.2006	11.7.2006
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	12.9.2006	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20	-: 4
	0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy, Daniel Caspary, Giulietto Chiesa, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Jacky Henin, Alain Lipietz, Caroline Lucas, Erika Mann, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Tokia Saïfi, Peter Štátný, Johan Van Hecke, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Zbigniew Zaleski	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrietus van den Berg, Jorgo Chatzimarkakis, Robert Goebbels, Maria Martens, Antolín Sánchez Presedo, Jonas Sjöstedt, Mauro Zani	
<b>Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Filip Kaczmarek	
<b>Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>	...	